Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 15/2015AE

**Jean Sebastian Beets**

**Vs**

**S4L Group Limited**

L-Erbgha, 14 ta' Ottubru, 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fit-23 ta' Settembru 2013, ir-rikorrent ilmenta li kien gie ingustament imkecci mill-impjieg mal-kumpannija intimata, u ghalhekk talab rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali.

L-intimata wiegbet li:-

1. Ir-rikorrent ma kienx impjegata mal-intimata izda ma' Aspiriti Recruitment JLT, kumpannija barranija.
2. Peress li din il-kumpannija hi barranija, it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jitratta l-kwistjoni.
3. Ukoll jekk hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet, it-tkeccija saret ghal ragunijiet sufficjenti.

B'decizjoni li nghatat fil-11 ta' Mejju 2015, it-Tribunal Industrijali (Kaz numru: 3161/MF) iddecieda:-

*"Decizjoni.*

*It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u 'l fatt u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Sebastian Beets gie mkecci gustament.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jilqa' dan l-appell u jordna lis-socjeta S4L Group Limited thallas is-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) li jirraprezenta l-commission mhux imhallsa, l-pagi dovuti, leave li ma hax, il-bonus tal-Gvern li ma hax, n-notice money u l-kumpens tat-tkeccija ingusta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta intimata".*

Il-kumpannija appellat u lmentat li:

1. It-Tribunal iddecieda l-kaz fil-meritu meta suppost is-sentenza kellha titratta l-ewwel eccezzjoni.

2. It-Tribunal injora 'l fatt li fiz-zmien in kwistjoni l-appellat ma kienx impjegat mal-kumpannija appellanti izda ma' kumpannija terza. Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal hi bejn l-impjegat u l-principal, u f'dan il-kaz ma kienx hemm relazzjoni simili bejn il-kontendenti.
3. It-Tribunal ittratta materja ta' hlas ta' kummissjoni u affarijiet ohra li ma jikkoncernawhx, li fil-fatt qeghdin jigu trattati quddiem qrati ohra u njora ghal kollox il-principju tal-lis *alibi pendens*.

L-appellat wiegeb (26 ta' Gunju 2015) fejn ta r-ragunijiet ghalfejn it-talba tal-appellanti ghandha tigi michuda.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Mill-verbali tas-seduti tat-2 ta' Dicembru 2013[1], 17 ta' Marzu 2014[2] u 3 ta' Novembru 2014 hu evidenti li t-Tribunal kellu l-ewwel jaghti decizjoni parzjali fuq l-ewwel eccezzjoni tal-appellanti. Hekk per ezempju fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 gie verbalizzat:

   ***"It-Tribunal qieghed jaghti lis-socjeta intimata sal-10 ta' Dicembru 2014 sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari b'kopja lill-kontroparti li jkollha sal-10 ta' Jannar 2015 sabiex tipprezenta n-nota taghha b'kopja lill-kontroparti"***.

2. In-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet jitrattaw proprju l-ewwel eccezzjoni.

3. Ix-xhieda li nstemghu *viva voce* xehedu proprju fuq l-ewwel eccezzjoni. Il-qorti taghmel riferenza per ezempju ghad-deposizzjoni ta' Jonathan Burgess (seduta tat-28 ta' April 2014) u Michael Leonard (seduta tat-12 ta' Mejju 2014).

4. Minflok it-Tribunal illimita ruhu biex jaghti decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, ta decizjoni fil-meritu meta kien ghadu ma wasalx l-istadju tas-smiegh tal-provi dwar x'wassal ghat-tkeccija. Il-qorti tinnota wkoll li ghalkemm f'dik il-parti tad-decizjoni ntestata **'Konsiderazzjonijiet'** it-Tribunal ghamel riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, fil-parti dispozittiva m'hemmx riferenza ghaliha.

[1] *"Il-kaz gie differit ghal nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar, 2014 fis-2.00 p.m. ghall-provi kollha u ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata"* (fol. 21). F'avviz datat 22 ta' Jannar 2014 u li ntbaghat lill-partijiet u difensuri, it-Tribunal ordna li s-seduta tas-27 ta' Jannar 2014 issir fis-17 ta' Marzu 2014 fis-1.30 p.m. *"…. Ghall-provi kollha u ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata"*.

[2] *"Il-kaz gie differit ghal nhar it-Tnejn 28 ta' April, 2014 fis-2.00 p.m. ghall-provi kollha, jekk ikun il-kaz, u ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata"*.

5. Fit-twegiba l-appellat qal li minkejja dak li jinghad fil-verbal tal-4 ta' Mejju 2015, *"... il-partijiet kienu sostanzjalment ezawrew il-provi taghhom fuq il-meritu fl-istadju tal-gbir tal-provi quddiem it-Tribunal Industrijali....".* L-atti ma jurux hekk. Dan apparti li l-qorti tirrileva wkoll kif hadd mill-partijiet ma' pprezenta dokumenti, bhal per ezempju kuntratti ta' impjieg u l-avviz ta' terminazzjoni tal-impjieg. Mill-atti hu car ukoll kif ix-xhieda li ressqet il-konvenuta ma jindirizzawx it-tezi li t-tkeccija kienet gusta.

6. L-appellat argumenta wkoll li: *"...... Minn qari tal-aggravju tal-appellant jidher li din ma hijiex tikkontesta l-konkluzjoni tat-Tribunal Industrijali fis-sens li* ***huwa ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz****".* Il-qorti tosserva li:-

   a) It-Tribunal Industrijali ma ttrattax materja ta' gurisdizzjoni.
   b) Ghalkemm fid-decizjoni t-Tribunal qal li *"... ser jaghti decizjoni wahda anki tal-eccezzjoni tal-kompetenza",* fir-realta' ddecieda dwar jekk l-appellanti hijiex il-legittimu kontradittur u jekk l-appellat giex imkecci ingustament. L-ewwel eccezzjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' kompetenza jew gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali.

   F'kull kaz fir-realta' bl-ewwel aggravju l-appellanti qeghda targumenta li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hi nulla ghaliex iddecieda fuq il-meritu meta f'dak l-istadju tal-proceduri kienet ghadha qeghda tigi tratta eccezzjoni preliminari. Jekk jintlaqa' dan l-aggravju l-konsegwenza hi li d-decizjoni tat-Tribunal ikollha tithassar. Ghalhekk ma jregix l-argument tal-appellat li xi parti tas-sentenza hi gudikat.

7. L-appellat argumenta wkoll li qabel din il-qorti tiddeciedi jekk tibaghatx lura l-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali, ghandu jevalwa jekk id-decizjoni tal-11 ta' Mejju 2015 *"..... hijiex sostanzjalment gusta jew jekk hijiex ghal kuntrarju affetta minn xi nuqqasijiet daqstant gravi li ma jistghux jigu sorvolati mod ieor ghajr billi l-kawza tigi rimessa lit-Tribunal Industrijali".* Hu ovvju li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fiha nuqqas gravi fil-principju baziku tal-gustizzja naturali. It-Tribunal qatt ma kellu jiddeciedi dwar jekk it-tkeccija kinitx gusta jew le gialadarba d-decizjoni kellha titratta dwar jekk l-appellanti hijiex il-legittimu kontradittur. Kif rajna b'ordni tal-istess Tribunal is-smiegh tal-provi gie limitat fuq din l-eccezzjoni u xejn iktar.

8. F'dan ix-xenarju l-qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li tilqa' l-appell fuq l-ewwel aggravju. Fic-cirkostanzi m'hemmx lok li jigu kkunsidrati l-kumplament tal-aggravji.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel aggravju u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Mejju 2015 u tibghat l-atti lura lit-Tribunal. Spejjez tal-ewwel istanza jibqghu bla taxxa bejn il-**

**partijiet gialadarba hu evidenti li dak li gara ma kienx tort ta' xi parti ghal dawn il-proceduri. Spejjez relatati mal-appell jithallsu mill-appellat gialadarba kien qieghed isostni li l-ewwel aggravju tal-appellanti ghandu jigi michud.**

Anthony Ellul.